

Brussell, 26 ta' Lulju 2016
(OR. en)

11511/16

PUBLIC 49
INF 137

NOTA

Suġġett: SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL - JANNAR 2016

Dan id-dokument jelenka l-atti adottati mill-Kunsill f'Jannar 2016.^{1 2}

Dan jagħti informazzjoni dwar l-adozzjoni tal-atti legiſlattivi, inkluż:

- id-data tal-adozzjoni,
- is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill,
- in-numru tad-dokument adottat,
- ir-referenza għall-Ġurnal Uffiċjali,
- ir-regoli applikabbli għall-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni u, fejn adatt, l-ispjegazzjonijiet tal-votazzjoni u d-dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill.

Dan id-dokument fih ukoll informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti mhux legiſlattivi li l-Kunsill iddeċieda li jippubblika.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat bħal deċiżjonijiet ta' proċedura, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta jkun għe adottat l-att legiſlattiv u d-data proprja tal-att inkwistjoni, peress li l-atti legiſlattivi adottati bil-proċedura legiſlattiva ordinarja jitqiesu biss li għew adottati wara li jiġu ffirmati kemm mill-President tal-Kunsill kif ukoll mill-President tal-Parlament Ewropew u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll fis-sit elettroniku tal-Kunsill:

[Sommarji ta' kull xahar tal-atti tal-Kunsill \(atti\) - Consilium](#)

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-Kunsill fi: [Dokumenti u pubblikazzjonijiet - Consilium](#)

Ta' min jinnota li dan id-dokument huwa esklużivament għal finijiet ta' informazzjoni - il-minuti tal-Kunsill biss huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli fis-sit web tal-Kunsill: [Minuti tal-Kunsill - Consilium](#)

INFORMAZZJONI DWAR L-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL F'NOVEMBRU 2016

Proċeduri bil-miktub li ntemmu fl-14 ta' Jannar 2016

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/35 tal-14 ta' Jannar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 10, 15.1.2016, p. 15-16	5104/16
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/36 tal-14 ta' Jannar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 10, 15.1.2016, p. 17-17	5105/16
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/31 tal-14 ta' Jannar 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 10, 15.1.2016, p. 1-2	5122/16

It-3442 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) li saret fi Brussell fil-15 ta' Jannar 2016

ATTI LEĠISLATTIVI

ATT	DOKUMENT	REGOLA TA' VOTAZZJONI	VOTI
Regolament (UE) 2016/1035 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra prezzijiet inġurjużi ta' bastimenti ĠU L 176, 30.6.2016, p. 1-20	25/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur
Regolament (UE) 2016/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1236/2010 li jistabbilixxi skema ta' kontroll u infurzar applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-Kooperazzjoni Multilaterali fil-Ġejjieni dwar is-Sajd fl-Atlantiku tal-Grigal ĠU L 26, 2.2.2016, p. 13-18	61/15	Maġġoranza kwalifikata	L-Istati Membri kollha favur

ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2016/52 tal-15 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-livelli massimi permissibbli ta' kontaminazzjoni radjuattiva ta' ikel u għalf wara inċident nukleari jew kwalunkwe każ ieħor ta' emerġenza radjoloġika, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 3954/87 u r-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 944/89 u (Euratom) Nru 770/90 ĠU L 13, 20.1.2016, p. 2-11	5226/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/357 tal-15 ta' Jannar 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Stabilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-parteċipazzjoni tal-ex Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja bħala osservatur fil-ħidma tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-modalitajiet rispettivi tagħha, fil-qafas stabbilit fl-Artikoli 4 u 5 tar-Regolament (KE) Nru 168/2007, inklużi d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-parteċipazzjoni finizjattivi mwettqa mill-Aġenzija, il-kontribuzzjoni finanzjarja u l-persunal ĠU L 67, 12.3.2016, p. 31-34	11416/14
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Strateġika fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u t-terroriżmu bejn l-Emirati Għarab Magħquda u l-Europol	10510/15
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tapprova l-konklużjoni mill-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol) tal-Ftehim dwar Kooperazzjoni Operattiva u Strateġika bejn il-Bożnija-Ħerzegovina u l-Europol	10509/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/63 tal-15 ta' Jannar 2016 rigward l-ađeżjoni tal-Kroazja għall-Konvenzjoni mfassla abbażi tal-Artikolu K.3(2)(c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni li tinvolvi uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej jew uffiċjali tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ĠU L 14, 21.1.2016, p. 23-24	15245/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/402 tal-15 ta' Jannar 2016 dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ĠU L 74, 19.3.2016, p. 1-2	14259/15

Ftehim bejn il-Kunsill tal-Ministri tar-Repubblika tal-Albanija u l-Unjoni Ewropea dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju u l-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata ĠU L 74, 19.3.2016, p. 3-7	14259/15
Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Renju tal-Marokk għall-konklużjoni ta' ftehim dwar is-sigurtà ta' informazzjoni bejn ir-Renju tal-Marokk u l-Unjoni Ewropea	14260/15
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir	15564/15
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija	15565/15
Proċedura bil-miktub li ntemmet fis-16 ta' Jannar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/37 tas-16 ta' Jannar 2016 dwar id-data ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1863 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 11I , 16.1.2016, p. 1–2	5166/16
It-3443 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN) li saret fi Brussell fit-18 ta' Jannar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/50 tat-18 ta' Jannar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/219/PESK dwar il-Missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fil-Mali (EUCAP Sahel Mali) ĠU L 12, 19.1.2016, p. 48-49	14482/15
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/51 tat-18 ta' Jannar 2016 b'appoġġ għall-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi u Tossiċi (BTWC) fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE kontra l-Proliferazzjoni ta' Armi ta' Qerda Massiva ĠU L 12, 19.1.2016, p. 50-59	14878/15

Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/44 tat-18 ta' Jannar 2016 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 ĠU L 12, 19.1.2016, p. 1-26	12764/15
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Libja	5253/16
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani	5332/16
It-3444 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI) li saret fi Brussell fit-18 ta' Jannar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/77 tat-18 ta' Jannar 2016 li tikkonferma l-pożizzjoni meħuda fisem l-Unjoni Ewropea fl-10 Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-kompetizzjoni fl-esportazzjoni u kwistjonijiet ta' żvilupp ĠU L 16, 23.1.2016, p. 23-24	14970/15
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tilqa' l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill li tikkonferma l-pożizzjoni meħuda fisem l-Unjoni Ewropea fl-10 Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-esportazzjoni u kwistjonijiet ta' żvilupp. Il-Kummissjoni tinnota li qed jiġi propost li tiġi adottata Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar din il-kwistjoni, permezz ta' qbil komuni rigward il-pożizzjoni tal-Istati Membri fid-WTO. Il-Kummissjoni tqis li Deċiżjoni tal-Kunsill tkun legalment suffiċjenti biex tappoġġa l-approvazzjoni tad-Deċiżjoni Ministerjali, u li tali deċiżjoni separata mhijiex iġġustifikata peress li l-kummerċ fis-servizzi tat-trasport jaqa' fil-qafas tal-kompetenzi tal-UE kif definit mit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.	
Proċedura bil-miktub li ntemmet fit-18 ta' Jannar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/73 tat-18 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed ĠU L 16, 23.1.2016, p. 1-5	15319/15 Regola tal-votazzjoni: Maġġoranza kwalifikata Riżultat tal-votazzjoni: L-Istati Membri kollha favur

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija u r-Rumanija dwar il-barbun imperjali

Il-Bulgarija u r-Rumanija jimpenjaw ruħhom, fil-kuntest tal-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut fil-Baħar l-Iswed, u flimkien mal-implimentazzjoni sħiħa tad-dispożizzjonijiet tal-Pjan ta' Azzjoni tas-16 ta' Diċembru 2014, biex jimplimentaw il-miżuri li ġejjin:

Barbun imperjali

- tnaqqis b'20 % għall-Bulgarija u 15 % għar-Rumanija mil-livell tal-2015 ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-Barbun imperjali flimkien ma' allokazżjoni minima għal kull dgħajsa (biex jiġu evitati allokazżjonijiet żgħar wisq);
- tnaqqis fl-għadd rispettiv tagħhom ta' portijiet magħżula għal ħatt l-art għal 7 għall-Bulgarija u 10 għar-Rumanija sabiex jiġi ssimplifikat il-kontroll tal-ħatt l-art;
- implimentazzjoni ta' politika stretta għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha, inklużi dawk ta' anqas minn 50 kg, f'għurnali ta' abbord korrispondenti, dikjarazzjonijiet ta' ħatt l-art u noti ta' bejgħ tal-bastimenti awtorizzati kollha,
- żieda sinifikanti fl-għadd ta' spezzjonijiet tas-suq konġunti u spezzjonijiet fuq il-baħar, inkluż matul l-istaġun magħluq, ibbażati fuq metodoloġija tal-valutazzjoni tar-riskju u pjan ta' azzjoni maqbul mal-Kummissjoni Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA), inkluż azzjonijiet konġunti taħt il-koordinazzjoni tal-EFCA,
- intensifikazzjoni tal-ħidma biex jinformat lill-pubbliku dwar il-kundizzjonijiet tekniċi u l-istaġun magħluq li japplikaw għall-attivitajiet tas-sajd għall-Barbun imperjali.
- kwalunkwe miżura oħra li hija meqjusa meħtieġa biex jiġu indirizzati r-rappurtar skorrett, is-sajd illegali għall-Barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed u l-kummerċjalizzazzjoni ta' qabdiet ta' ħut maqbud illegalment fir-reġjun f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA).

Dikjarazzjoni mill-Bulgarija u r-Rumanija dwar il-Mazzola griża

Il-Bulgarija u r-Rumanija jimpenjaw ruħhom li

- fl-2016 jillimitaw il-qabdiet rispettivi tagħhom tal-Mazzola Griża għal-livell tal-qabdiet tagħhom tal-2015, u li kull tliet xhur jinformat lill-Kummissjoni dwar l-azzjonijiet meħuda biex jintlaħaq dan l-oġettiv,
- inaqqsu b'mod sinifikanti l-livell ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd tal-2015 għall-Mazzola griża,
- jimplimentaw politika stretta għar-reġistrazzjoni tal-qabdiet kollha, inklużi dawk ta' anqas minn 50 kg, f'għurnali ta' abbord korrispondenti, dikjarazzjonijiet ta' ħatt l-art u noti ta' bejgħ tal-bastimenti awtorizzati kollha tal-qabdiet inċidentali tal-mazzola.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni dwar kwistjonijiet ta' kontroll

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li sabiex jiġu indirizzati r-rappurtar skorrett u s-sajd illegali għall-barbun imperjali fil-Baħar l-Iswed, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kontroll u monitoraġġ stabbiliti sa mill-2012 għandha titjeb aktar. L-Istati Membri rilevanti għandhom jiddedikaw l-isforzi meħtieġa biex jiġu indirizzati nuqqasijiet sistemiċi fis-sistemi ta' kontroll tagħhom u biex jiżguraw l-effikaċja tal-miżuri li ġew deċiżi.

Il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-livell ta' implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri flimkien ma' analiżi tal-effiċjenza tagħhom qabel it-30 ta' Ġunju 2016, fid-dawl ta' kwalunkwe azzjoni li tista' tkun meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni.

II. Rigward kooperazzjoni reġjonali

Dikjarazzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li l-kooperazzjoni reġjonali eżistenti fir-rigward tas-sajd fil-Baħar l-Iswed għandha tissaħħaħ aktar sabiex tippromwovi l-ġestjoni sostenibbli tal-istokk f'din iż-żona u ser ikomplu jieħdu azzjonijiet restrettivi f'konformità mal-kompetenzi tagħhom. Għaldaqstant, l-UE hija impenjata li tippreżenta proposti sa mill-2016 lill-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) biex tadotta miżuri għall-Barbun imperjali u l-Mazzola griża li jirriflettu l-miżuri għal dawn l-ispeċijiet li diġà qed jiġu implimentati fi ħdan il-parti tal-Unjoni Ewropea tal-Baħar l-Iswed u li b'mod favorevoli tikkunsidra li tippromponi kwalunkwe miżura oħra bil-għan li jintlaħaq l-MSY fl-2020.

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu wkoll li dawn il-proposti għandhom jinkludu l-istabbiliment ta' miżuri ta' ġestjoni internazzjonali, bħal pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul u skemi ta' limitazzjoni tal-qbid fil-livell reġjonali, f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju u bil-ħsieb li jiġu pprovduti rendimenti għoljin fit-tul biex tintlaħaq il-mortalità mis-sajd fl-MSY sal-2020. Il-proposta għal pjanijiet ta' ġestjoni fit-tul ser ikun fih ukoll miżuri relatati ma' kontroll u spezzjonijiet konġunti bejn stati ta' xtut ix-xmajjar, kif ukoll monitoraġġ xjentifiku u l-mekkaniżmi ta' aġġustament biex jiġu rriflessi s-sitwazzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut rilevanti.

Barra minn hekk, l-UE ser tfittex li tiżgura li l-GFCM tagħti attenzjoni partikolari għall-konformità sħiħa tal-Membri tagħha u Kooperaturi mhux Membri tal-GFCM biex jimplimentaw l-azzjonijiet stabbiliti fil-pjan direzzjonali għall-ġlieda kontra l-IUU fil-Baħar l-Iswed adottata fl-2013.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli l-isforzi tagħha biex tippromwovi ġestjoni kkoordinata tas-sajd fil-Baħar l-Iswed fuq bażi bilaterali mal-Istati kostali individwali tal-Baħar l-Iswed.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ser tissorvelja mill-qrib ir-rispett tal-impenji meħuda mill-Bulgarija u r-Rumanija u ser tieħu kwalunkwe miżura xierqa biex tinforza dawn l-impenji u l-obbligi tal-Bulgarija u r-Rumanija għall-implimentazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd.

Proċeduri bil-miktub li ntemmu fit-22 ta' Jannar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/72 tat-22 ta' Jannar 2016 li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2016 għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2015/104 ĠU L 22, 28.1.2016, p. 1-165	15521/15 Regola tal-votazzjoni: Maġġoranza kwalifikata Riżultat tal-votazzjoni: L-Istati Membri kollha favur
Dikjarazzjoni konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni Dwar żidiet tat-TAC Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw l-impenn tal-Istati Membri kkonċernati biex jipprovdu data f'waqtha u preċiża dwar qbid skartat sabiex jittejjeb l-għarfien dwar qbid skartat minn flotot u bastimenti taħt l-obbligu ta' ħaqq l-art fl-2016 u fis-snin sussegwenti. Abbażi ta' informazzjoni bħal din u l-pariri xjentifiċi disponibbli, inklużi l-programmi ta' osservazzjoni xjentifika, meta jiġu kkalkulati żidiet fil-kwoti minħabba l-obbligu ta' ħaqq l-art, il-Kummissjoni ser tiegħu kont tal-użu tad-dispożizzjoni de minimis fl-2016. Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni applikabbli, il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippromovi żieda addizzjonali b'kont meħud ta' kwalunkwe użu anqas mill-perċentwali massimu applikabbli għas-sena ta' ġestjoni li jmiss (2017).	

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni, Franza, il-Belġju u r-Renju Unit

Dwar il-lingwata komuni fi VIId

Il-Kummissjoni tinnota l-valutazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni introdotti minn Franza u l-Belġju fl-2015 biex jappoġġaw l-irkupru tal-istokk tal-Kanal tal-Lvant. Iż-żoni li jservu ta' nursery għal dan l-istokk jinsabu f'żoni estwarji u bajjiet u l-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) jindika li dawn il-miżuri huma mistennija li jipprovdu effetti ta' benefiċċju u jirrikonoxxi r-rwol kruċjali li għandhom in-nurseries fil-produttività tal-istokkijiet tal-lingwata komuni u n-neċessità li jiġi protett il-ħut li għadu qiegħed jikber. F'dawn iż-żoni, jekk adatt, il-Kummissjoni ser tfittex pariri xjentifiċi addizzjonali qabel l-2017 dwar miżuri li jkunu ta' benefiċċju għall-konservazzjoni tal-ħut ta' dan l-istokk li għadu qiegħed jikber. Fuq dawn il-pariri, l-Istati Membri jimpennaw ruħhom li jikkunsidraw miżuri li ser jipproteġu b'mod effiċjenti l-ħut ta' dan l-istokk li għadu qiegħed jikber fiż-żoni rrakkomandati mit-tali korp xjentifiku.

Il-Kummissjoni tilqa' wkoll l-implimentazzjoni tal-miżuri addizzjonali Franċiżi ta' konservazzjoni fl-2016: i) it-tisħiħ tal-protezzjoni taż-żoni li jservu ta' nursery, ii) it-ktabbir taż-żona magħluqa għas-sajd ġewwa n-nurseries, u iii) iż-żieda, fejn xieraq, tad-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għal 25 cm għall-bastimenti Franċiżi f'konformità mal-leġislazzjoni tal-UE.

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati jilqgħu l-istrateġija ta' ġestjoni proposta mill-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Ilmijiet tal-Majjistral abbażi ta' Qabda Totali Permissibbli (TAC) kostanti biex jiġi ġestit dan l-istokk u vvalutata mill-STECF fl-2015.

Fid-dawl tal-valutazzjoni pożittiva tal-STECF, u minkejja ż-żidiet rilevanti għal dan l-istokk meta jiġi applikat l-obbligu ta' ħatt l-art, huwa xieraq li tiġi stabbilita TAC ta' 3000 tunnellata għas-sena 2016 li tikkorrispondi għal tnaqqis ta' 14% meta mqabbel mal-2015. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati jaqblu li r-regoli li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati fis-snin li ġejjin, sakemm il-pariri xjentifiċi ma jindikawx li ma għadhomx adatt: i) it-TAC trid tinżamm fil-livell kostanti ta' 3000 tunnellata, ii) jekk il-bijomassa fi kwalunkwe sena qabel l-2020 tkun anqas mil-livell prekawzjonarju (Bpa), allura t-TAC trid tiġi stabbilita fl-livell li jikkorrispondi għal mortalità mis-sajd ugwali għall-FMSY u iii) jekk l-ICES jindika fl-2019 li hemm riskju li l-mortalità mis-sajd fl-2020 tkun 'il fuq mill-FMSY, allura t-TAC trid tiġi stabbilita fil-livell li jikkorrispondi għal mortalità mis-sajd konformi mal-FMSY. Jekk il-mortalità mis-sajd tkun anqas minn FMSY għal kwalunkwe sentejn konsekuttivi qabel l-2020, allura l-Kummissjoni trid titlob lill-STECF biex jipprovdi parir dwar is-sitwazzjoni ta' dan l-istokk.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u Franza**Dwar il-Gambli penaeus fil-Guyana Franċiża**

Il-Kummissjoni tagħraf l-importanza tat-TAC tal-Gambli penaeus (PEN/FGU) fil-Guyana Franċiża għall-ekonomija lokali u l-għajxien tal-komunitajiet kostali iżda tibqa' kkonċernata dwar il-livell ta' esplojtazzjoni ta' dan l-istokk. Franza, f'konformità mas-suġġerimenti tal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, timpenja ruħha li tinvestiga l-bidliet ambjentali possibbli u l-effetti sinerġetiċi tal-irpiljar mis-sajd eċċessiv. F'dan ir-rigward, Franza timpenja ruħha li ttejjeb l-għarfien xjentifiku dwar dan l-istokk billi i) tniedi mhux aktar tard minn April 2016 programm sentinella ta' sajd, ii) tiżviluppa mudell analitiku b'mod sħiħ għal dan l-istokk u iii) tippromwovi aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd rilevanti sabiex jiġu msaħħa l-isforzi ta' konservazzjoni għal dan l-istokk.

Abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, Franza timpenja ruħha li tistabbilixxi, jekk possibbli għall-2016 TAC f'konformità mal-Artikolu 6 tar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd, u fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard mill-2018, jekk l-istudji xjentifiċi msemmija hawn fuq taħt i) u ii) ma jitlestewx sal-31 ta' Diċembru 2016. Il-Kummissjoni tirriżerva d-dritt li titlob parir xjentifiku dwar il-progress u r-riżultati miksuba minn tali studji.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**Dwar ir-rebekkini u r-raj**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jagħrfu li l-Istati Membri qegħdin jinvestigaw approċċi ta' ġestjoni alternattivi għat-TACs tar-rebekkini u r-raj. Il-Kummissjoni timpenja ruħha li tippreżenta t-tali approċċi, ladarba ffinalizzati, lill-korpi konsultattivi xjentifiċi rilevanti.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**Dwar il-pollakkju fi IX u X; l-ilmijiet tal-Unjoni tas-CECAF 34.1.1**

Fid-dawl tal-possibbiltà ta' identifikazzjoni jew rappurtar inkorrett tal-qabdi tal-pollakkju bħala merlangu fiż-żona IX, il-Kummissjoni ser titlob lill-ICES biex jivvaluta jekk dan jimplikax bidliet għall-parir tiegħu dwar il-pollakkju fiż-żona IX. Jekk l-ICES jirrevedi l-parir tiegħu, il-Kummissjoni ser tikkunsidra jekk huwiex adegwat li ttipproponi, malajr kemm jista' jkun, emenda tat-TAC għall-2016.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**Dwar il-lingwata komuni fi VIIIab**

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu li t-TAC għall-2016 huwa stabbilit filwaqt li jinnotaw li l-korpi konsultattivi xjentifiċi jistgħu jirrevedu l-punti ta' referenza rilevanti għall-istokk fl-2016. Wara reviżjoni bħal din, il-Kummissjoni tista' ttipproponi TAC riveduta, f'konformità mal-istrateġija ta' ġestjoni msemmija fid-dikjarazzjoni "Lingwata fi VIIIab (Bajja ta' Biscay)" fid-dokument tal-Kunsill 5092/15 tad-9 ta' Jannar 2015. Il-Kunsill jinnota l-impenn tal-Istati Membri kkonċernati biex jimplementaw il-parir xjentifiku rivedut mingħajr dewmien fir-rebbiegħa tal-2016, anki jekk dan jeħtieġ li t-TAC tiġi stabbilita fil-livell tal-MSY fl-2016.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**Dwar il-lingwata fi VIIa**

Il-valutazzjoni tal-lingwata fil-Baħar Irlandiż hija prinċipalment informata minn sħarriġ xjentifiku uniku u ġie identifikat li l-kopertura mill-istħarriġ tista' ma tkunx għalkollox rappreżentattiva tad-distribuzzjoni tal-istokk. Din il-kwistjoni bħalissa qiegħda tiġi eżaminata b'mod xjentifiku. Għalkemm mhu permess l-ebda sajd dirett, qabdiet aċċessorji ta' lingwata fid-diversi attivitajiet ta' sajd huma inevitabbli. Il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri kkonċernati, ser tesplora mal-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd fil-bidu tal-2016 il-possibilitajiet u l-kondizzjonijiet għal aktar attivitajiet possibbli ta' sajd xjentifiku.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**Dwar l-aringa fl-Unjoni u l-ilmijiet internazzjonali fi Vb, VIb u VIaN u VIaS, VIIb, VIIc**

Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi tal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati biex ittejjeb l-għarfien dwar l-istokkijiet tal-aringa fiż-Żoni VIa and VIIb,c, u l-isforz biex jiġi żviluppat pjan ta' rkupru għall-istokkijiet. Sajd kummerċjali żgħir għandu jiffaċilita aktar riċerka xjentifika, b'mod partikolari biex jgħin jiddetermina l-identità u l-istruttura taż-żewġ stokkijiet separati. Fil-bidu tal-2016 il-Kummissjoni ser tfttex pariri xjentifiċi dwar l-elementi adatti li huma meħtieġa għal sajd bħal dan, dwar il-perijodu meta u ż-żona ġeografika fejn għandu jseħħ. Fid-dawl ta' dawn il-pariri, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' tipproponi TACs, qabel it-tmiem ta' Frar, għall-aringa VIa(S), VIIb,c u għall-aringa fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali ta' Vb, VIb and VIaN.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**Dwar is-sawrell fi IXa**

L-Istati Membri b'interess ta' ġestjoni tas-sajd dirett fl-attivitajiet ta' sajd ta' ħut pelaġiku żgħir fl-ilmijiet tal-Lbiċ huma mistiedna jippreżentaw rakkomandazzjoni konġunta, flimkien ma' informazzjoni xjentifika ta' appoġġ, biex jaġġustaw id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni għall-ammont limitat ta' sawrell maqbud fis-sajd tradizzjonali fuq skala żgħira fiż-żona IXa tal-ICES.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni, ir-Renju Unit u d-Danimarka**Dwar il-liċenzji għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe**

Il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw biex jiżguraw użu effettiv massimu tal-liċenzji fl-ilmijiet tal-Gżejjer Faeroe.

Dikjarazzjoni minn Spanja**Dwar l-inċova fi IX**

Spanja tagħraf il-ħtieġa li ttejjeb il-valutazzjoni xjentifika tal-istokk tal-inċova fiż-żona IXa sabiex tippermetti valutazzjoni analitika. Għal dan il-għan, fl-2016 Spanja ser timpenja ruħha biex talloka r-riżorsi xjentifiċi meħtieġa biex jiġi żviluppat mudell li jappoġġa l-parir xjentifiku tal-ICES għall-2017.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**Dwar attivitajiet tas-sajd għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana ddokumentati b'mod sħiħ**

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jaqblu li l-kontinwazzjoni tal-iskema tal-kwoti għall-qbid tinżamm għal sena oħra biex tiġi ffaċilitata t-transizzjoni lejn implimentazzjoni sħiħa tal-obbligu ta' ħatt l-art u tkun possibbli l-kontinwazzjoni tar-reġim ta' monitoraġġ attwali. L-iskema ser titwaqqaf fl-aħħar tal-2016 peress li l-obbligu ta' ħatt l-art huwa mistenni jidħol fis-seħħ fl-2017.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**Dwar il-merluzz tal-linja sewda fi VIIa**

Il-Kummissjoni u l-Kunsill jifhmu li l-mudell ta' valutazzjoni għall-merluzz tal-linja sewda fil-Baħar Irlandiż ma għadux adatt għal dan il-għan. Huma jinkoraġġixxu lill-ICES biex jagħmel kull sforz sabiex isib soluzzjoni xierqa fil-punt ta' riferiment li ġej tal-ICES fl-2016.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands, l-Iżvezja u r-Renju Unit**Dwar żidiet tat-TAC u rati ta' qbid skartat f'żoni differenti ta' ġestjoni**

Il-Kummissjoni u BE, DK, DE, NL, SE u UK huma tal-fehma li l-aġġustamenti tal-kwoti għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar data disponibbli għaż-żoni differenti ta' ġestjoni. Għall-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u Kattegat dan ifisser li l-istimi ta' livelli ta' qbid skartat speċifiċi għall-flotot (mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd) għandhom jintużaw skont il-pjan ta' qbid skartat għall-2016.

BE, DK, DE, NL, SE u UK jinnutaw li l-aġġustamenti tal-kwoti għall-2016 jistgħu ma jirriflettux b'mod sħiħ il-livelli ta' qbid skartat li nħolqu miż-żoni differenti ta' ġestjoni soġġett għall-obbligu ta' ħatt l-art.

Il-Kummissjoni ser tkompli taħdem mal-Istati Membri u l-korpi xjentifiċi rilevanti bil-ħsieb li tidentifika kwalunkwe titjib neċessarju tal-metodu fl-2017 u fl-implimentazzjoni futura tal-obbligu ta' ħatt l-art.

Dikjarazzjoni mir-Renju Unit**Dwar l-iskampu fiż-żona IV Farn Deeps**

Ir-Renju Unit jinnota l-proposta mill-Kunsill Konsultattiv tal-Baħar tat-Tramuntana għall-ġestjoni tal-istokk tal-iskampu fiż-żona IV fil-Farn Deeps (Unità Funzjonali 6). Abbażi ta' dan u waqt li tinnota l-kondizzjoni ħażina tal-istokk, qed niffinalizzaw pakkett ta' miżuri nazzjonali, skont il-pariri xjentifiċi ta' xjentisti mir-Renju Unit, biex jirkupra l-istokk. Ser nikkonsultaw dwar dawn u nimplimentawhom mhux aktar tard minn Marzu 2016.

Ir-Renju Unit ser jippreżenta mistoqsija lill-plenarja STECF tar-rebbiegħa biex jiġu evalwati l-miżuri nazzjonali tar-Renju Unit u jingħata parir dwar l-aħjar pakkett ta' miżuri meħtieġ biex jirkupra l-istokk, inkluż permezz tal-kisba ta' Fmsy sal-2017.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**Dwar il-pjan ta' rkupru tal-bakkaljaw**

Il-Kummissjoni tinnota t-talba tar-Renju Unit biex jiġi sostitwit ir-Regolament (KE) 1342/2008.

Wara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każijiet Konġunti 124/13 u 125/13, il-Kummissjoni hija konxja mill-bżonn li jkun hemm dispożizzjonijiet adatti fis-seħħ fiż-żmien debitu u tinsab lesta tgħin lill-Kunsill u lill-Parlament sabiex tintlaħaq din il-mira.

Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni**Dwar l-ispnotta**

Il-Kummissjoni tinnota li r-regola dwar il-1% tal-qabdiet aċċessorji tal-Artikolu 10(2), huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligu ta' ħatt l-art tal-qabdiet kollha kif stabbilit fl-Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku. Il-Kummissjoni ser tissorvelja l-ħatt l-art tal-ispnotta li tinqabad taħt id-dispożizzjoni tal-qabdiet aċċessorji sabiex tivvaluta jekk id-dispożizzjoni tal-qabdiet aċċessorji hix biżżejjed.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kummissjoni u mill-Kunsill**Dwar id-dikjarazzjoni rigward l-istokkijiet stabbli**

Il-Kunsill u l-Kummissjoni jinnotaw li r-regolamenti dwar l-opportunitajiet ta' sajd jinkludu għadd ta' TACs għal stokkijiet li dwarhom hemm informazzjoni limitata dwar l-istat tal-istokkijiet u li huma ta' importanza ekonomika baxxa, jew li jitqiesu biss bħala qabdiet aċċessorji, jew li juru livelli baxxi ta' utilizzazzjoni tal-kwoti. F'dak ir-rigward, il-Kunsill u l-Kummissjoni jfakkru fid-dikjarazzjonijiet tagħhom dwar stokkijiet bħal dawn li saret fl-2015 u jinnotaw li l-perċezzjoni tal-istat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet ma nbidlitx b'mod sinifikanti matul l-2015. Għaldaqstant il-Kunsill u l-Kummissjoni jkomplu jqisu li huwa adatt li l-qabdiet jiġu limitati għal jew jinżammu taħt il-livelli tat-TAC stabbiliti għall-2015. Għal dan il-għan, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni u l-prerogattivi tal-Kunsill fl-Artikolu 293(1) TFUE, il-Kunsill u l-Kummissjoni jqisu li jidher li f'dan l-istadju huwa mixtieq li l-livell tat-TAC tal-2015 għall-istokkijiet imsemmijin hawn taħt jinżamm għat-tliet snin li ġejjin.

Madankollu, il-Kummissjoni ser tkompli taħdem mal-Istati Membri u l-korpi xjentifiċi rilevanti sabiex tittejjeb l-informazzjoni xjentifika dwar dawn l-istokkijiet. Jekk il-perċezzjoni tal-istat ta' kwalunkwe wieħed minn dawn l-istokkijiet tinbidel b'mod sinifikanti matul dan il-perijodu, il-Kunsill u l-Kummissjoni jaqblu li dan għandu jiġi kkunsidrat biex jiġu stabbiliti l-livelli tat-TAC għall-2017, kif adatt.

Isem komuni	Unità tat-TAC
Linarda	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali II u IV
Linarda	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' III
Merluzz	VIIb (is-sotto-unità Rockall)
Lingwata komuni	VI, Vb, ilmijiet internazzjonali ta' XII u XIV
Lingwata komuni	VIIbc
Lingwata komuni	VIIhjk
Aringa	VIIef
Arġentina (silus)	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' I u II
Arġentina (silus)	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' III u IV
Lipp	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' I u II
Lipp	IIIa
Lipp	ilmijiet tal-UE u dawk internazzjonali ta' V
Barbun tat-tbajja'	Vb (ilmijiet tal-UE), VI, XII, XIV
Barbun tat-tbajja'	VIIbc
Barbun tat-tbajja'	VIIhjk
Barbun tat-tbajja'	VIII, IX, X u CEEAF 34.1.1
Pollakkju	Vb (ilmijiet tal-UE), VI, XII u XIV
Pollakkju	VIIIc
Pollakkju	IX, X, CEEAF 34.1.1 (UE)
Pollakkju (saithe)	VII, VIII, IX, X, CEEAF 34.1.1 (KE)
Lingwata	VIIIcde, IX, X, CEEAF (UE)
Laċċa kaħla	VIIde
Merlangu	VIIa
Tusk	IIIa u UE 22-23
Tusk	KE I, II, XIV
Tusk	ilmijiet tal-KE ta' IV

Dikjarazzjoni Konġunta ta' Spanja u l-Portugall Dwar l-użu tar-riżerva tal-istokkafixx Spanja u l-Portugall jitolbu lill-Kummissjoni Ewropea li r-riżerva tal-istokkafixx tat-TAC għall-2016, li tikkonsisti minn 25 000 tunnellata għal skambji futuri man-Norveġja, tintuża l-aktar għall-bakkaljaw polari.	
Dikjarazzjoni Konġunta ta' Spanja u Franza Dwar l-inċova tal-Golf tal-Biskalja Spanja u Franza beħsiebhom jitolbu r-reviżjoni tat-TAC 2016 tal-inċova fiż-żona VIII, abbażi tar-rakkomandazzjoni li jista' jippreżenta għal dan il-għan il-Kunsill Konsultattiv Reġjonali għall-Ilmijiet tal-Lbiċ.	
Dikjarazzjoni konġunta mill-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u Franza Dwar il-Preferenzi tal-Aja Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja u Franza huma tal-fehma li l-iskali għall-allokazzjoni ta' kwoti għall-Istati Membri ġew finalment miftehma fl-1983. Dawn l-iskali jikkostitwixxu l-bażi ta' stabbiltà relattiva, li hija prinċipju stabbilit mir-Regolament Bażiku li jirregola l-Politika Komuni tas-Sajd. Aħna tal-fehma li l-preferenzi tal-Aja jmorru kontra l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva.	
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Dwar ir-raja ondjata fiż-żona IX Bl-introduzzjoni tal-kwota tal-qabdiet aċċessorji għar-raja ondjata fiż-żoni VII u VIII aktar kmieni fl-2015, l-Istati Membri, inklużi l-Portugall u Spanja, għandhom interess dirett fil-ġestjoni ta' dan is-sajd bl-impenn (dokument tal-Kunsill 6936/15 tal-10 ta' Marzu 2015) li tiġi implimentata serje ta' miżuri importanti dwar il-ġestjoni. Bl-istess loġika u f'konformità mal-parir tal-STEFC fl-2015, il-Kummissjoni tqis li dawn il-miżuri għandhom jiġu estenzi għaż-żona IX fejn hija stabbilita kwota tal-qabdiet aċċessorji.	
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/78 tat-22 ta' Jannar 2016 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 16, 23.1.2016, p. 25-26	5401/16
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/74 tat-22 ta' Jannar 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 267/2012 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ĠU L 16, 23.1.2016, p. 6-7	5402/16

Proċeduri bil-miktub li ntemmu fit-28 ta' Jannar 2016	
ATTI MHUX LEĠISLATTIVI	
ATT	DOKUMENT / DIKJARAZZJONIJIET
Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/119 tat-28 ta' Jannar 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2011/72/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ĠU L 23, 29.1.2016, p. 65-76	15460/15
Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/111 tat-28 ta' Jannar 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija ĠU L 23, 29.1.2016, p. 1-13	15461/15